# Uffiċċju tan-Nutar tal-Gvern u l-Arkivji Nutarili

servizz pubbliku

## MIN AĦNA

L-Uffiċċju tan-Nutar tal-Gvern u l-Arkivji Nutarili jiffurmaw dipartiment wieħed imwaqqaf bil-liġi sabiex jipprovdi servizzi nutarili lid-dipartimenti tal-Gvern u korporazzjonijiet parastatali fir-rigward tal-pubblikazzjoni, preservazzjoni u kustodja ta' atti nutarili. Il-missjoni tagħna hija li nrawmu bidla pożittiva u ntejbu l-ħajja taċ-ċittadini tagħna billi nipprovdu governanza effettiva, soluzzjonijiet innovattivi, u servizzi pubbliċi ddedikati.

## L-IMPENN TAGĦNA LEJN IL-KLIJENTI

Livell ta' servizz li wieħed jistenna meta jikkuntattja jew iżur l-Uffiċċji tagħna:

- Aħna se nittrattawk b'rispett u b'mod professjonali.
- Aħna niggarantixxu l-kunfidenzjalità fuq kwalunkwe skambju ta' informazzjoni.
- L-istandards tas-servizzi tagħna huma konformi mad-Direttiva 4-2 Standard għas-Servizz ta' Eċċellenza offrut mill-Amministrazzjoni Pubblika lill-Impjegati Pubbliċi.
- Il-lista tas-servizzi offruti tinsab fil-ħolqa li ġejja: *https://ghawdex.gov.mt/public-bodies/ufficcju-ta-nutar-gvern/*

## X'GĦANDEK TISTENNA META TIKKUNTATTJANA

Nipprovdu informazzjoni speċifika, ċara, u ħielsa minn lingwaġġ tekniku. L-informazzjoni kollha tingħata kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Aħna nimpenjaw ruħna li nwieġbu l-mistoqsija tiegħek fi żmien jum 1 tax-xogħol, jew skond il-perjodi ta' żmien stipulat fid-Direttiva 4-2.

### Meta tikkuntattjana bit-telefon

Nimpenjaw ruħna li nwieġbu mat-3 darba li jdoqq it-telefon, b'mod ċar u b'għarfien. L-uffiċjali ser jidentifikaw ruħhom u jittrattawk b'kortesija u rispett.

### Meta tikkuntattjana permezz ta' ittra jew email

Se nibagħtu konferma fi żmien 1 jum tax-xogħol minn meta nirċievu l-ittra jew l-email tiegħek.

### Meta żżur l-Uffiċċji tagħna

L-uffiċċji tagħna joffru ambjent nadif u sigur, u se niżguraw li s-servizzi tagħna jkunu aċċessibbli għal persuni b'diżabilità. Il-ħin ta' stennija se jkun ta' madwar 5-10 minuti f'ċirkustanzi normali.

### Appuntamenti

Tweġibiet għal talbiet għal appuntamenti jiġu provduti fi żmien 1 jum tax-xogħol, bid-data tal-appuntament tkun fi żmien 1 sa 2 jumejn tax-xogħol mid-data tat-talba. Madankollu, appuntamenti jistgħu jiddependu minn listi ta' stennija tad-Dipartiment u talbiet urġenti li jistgħu jingħataw prijorità.

## RESPONSABBILTAJIET TAL-KLIJENT

Il-klijenti huma mistennija li: Jipprovdu informazzjoni kompluta u korretta. Jittrattaw il-ħaddiema b'kortesija u rispett. Iżommu mal-ħinijiet u l-appuntamenti allokati meta applikabbli.

## AĦNA NIVVALUTAW IL-FEEDBACK TIEGĦEK

Jekk tixtieq tissottometti feedback, suġġerimenti, jew ilmenti ġentilment:

- Ikkuntattjana skont id-dettalji murija hawn*: nty.mgp@gov.mt*
- Permezz tas-servizz.gov billi ċċempel fuq 153, jew online fuq *Issottometti ilment*

Il-kunfidenzjalità tiegħek tkun garantita. Tirċievi l-feedback tagħna fi żmien 1 jum tax-xogħol.

## KIF TIKKUNTATTJANA

- Uffiċċju tan-Nutar tal-Gvern, 132, Livel 1 Triq Ġorġ Borġ Olivier, Rabat Għawdex
- Mit-Tnejn sal-Ġimgħa: 07:30-13:30; Sibtijiet, Ħdud u Festi Pubbliċi: Magħluqa
- *https://ghawdex.gov.mt/public-bodies/ufficcju-ta-nutar-gvern/*
- Sabiex jiġi ffaċilitat il-kuntatt mad-dipartment: *nty.mgp@gov.mt* - +356 2215 6391 jew 2215 6397 / 2215 6453